# Il-verb Semitiku



Funded by the European Union
NextGenerationEU

# Il-Verb Semitiku

## Sib il-verbi mis-silta u niżżilhom fil-kaxxi t'hawn taħt

L-alkoħol:

- jagħti idea żbaljata tal-ħila tiegħek li tkampa;
- inaqqas il-koordinazzjoni tiegħek u jnaqqaslek ir-reazzjonijiet;
- jaffettwalek l-abbiltà li tagħraf il-veloċità, id-distanza u r-riskji involuti;
- inaqqas il-kapaċità tiegħek tas-sewqan: żomm f'moħħok li anke jekk ikollok livelli ta' alkoħol inqas mil-limitu legali xorta waħda hemm periklu; u
- jieħu l-ħin biex jaħdem fil-ġisem; tista' saħansitra ma tkunx tajjeb biex issuq filgħaxija wara li tkun xrobt fl-ikla ta' nofsinhar, jew filgħodu wara li tkun xrobt il-lejl ta' qabel. Jekk se tixrob, agħmel arranġamenti sabiex ma ssuqx. Sib mezz ieħor ta' trasport biex tasal id-dar.

**TINSIEX LI QATT M'GĦANDEK** issuq taħt l-influwenza ta' drogi jew mediċini li jaffettwaw ir-reazzjonijiet tiegħek. Dejjem aqra sew il-fuljett ta' informazzjoni dwar il-mediċini li tieħu jew staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. L-użu ta' sustanzi pprojbiti huwa perikoluż ħafna. Qatt m'għandek teħodhom qabel issuq; l-effetti huma imprevedibbli, iżda jistgħu jkunu saħansitra aktar qawwija mill-alkoħol u jistgħu jikkawżaw inċidenti serji jew fatali fit-triq.

| **VERB SĦIĦ**<br>m'hemmx **j** jew **w** fl-għerq | |
|---|---|
| **SĦIĦ**<br>konsonanti – vokali – konsonanti – vokali – konsonanti<br>eż. **s**e**r**a**q** | **TRUX**<br>konsonanti doppja fl-aħħar<br>eż. ħa**bb** |
| | |

| **VERB DGĦAJJEF**<br>hemm **j** jew **w** fl- għerq | | |
|---|---|---|
| **XEBBIEĦI**<br>Jibda bil-**w**<br>eż. **w**asal | **MOĦFI**<br>Għandu **j** jew **w** fin-nofs<br>eż. sab | **NIEQES**<br>Għandi **j** fl-aħħar<br>eż. mexa |
| | | |

Funded by the European Union
NextGenerationEU